**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 203/17 RM**

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Meli & Vella Limited**

**vs**

**Matthew Camilleri**

**Illum, 25 ta' Settembru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Elmo Insurance Limited fil-25 ta' Lulju, 2017 fejn talbet li din il-Qorti tikkundanna lil Matthew Camilleri jhallasha s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf erba' mija u sitta u erbghin ewro, u erbgha u disghin centezmu (€14,446.94) in linea ta' danni kkagunati mill-konvenut Matthew Camilleri u sborsati mis-socjeta' attrici bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha in segwitu' ghal incident awtomobilistiku (Dok. A) illi sehh fit-30 ta' Awissu 2016, fi Triq is-Swieqi, Swieqi, meta waqt li l-konvenut Matthew Camilleri kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DCD 401, habit mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MEL 105, proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici Meli & Vella Limited u misjuqa minn Adrian Meli, ghal-liema incident u konsegwenzjali danni l-

konvenut Matthew Camilleri kien jahti unikament minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 2017 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali prezentata llum kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effetti mill-20 ta April 2017 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Matthew Camilleri pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Settembru 2017 fejn eccepixxa:

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom*
2. *Illi l-incident stadali li sehh fit-30 ta' Awwissu 2016 fi Triq is-Swieqi waqt li l-l-esponenti kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DCD 401 ma sehhx ghal ragunijiet attribwibbli lill-esponenti izda sehh tort ta' Adrian Meli, ix-xufier tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MEL 105 assigurata mas-socjeta assiguratrici rikorrenti, u dana minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku de parte tieghu;*
3. *Illi, in vista tal-premess, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-esponenti;*
4. *Illi fi kwalsiasi kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mir-rikorrenti in linea ta' danni qieghed jigi kontestat u f'kull kaz ghandu jigi pruvat sal-grad rikjest mil-Ligi;*
5. *Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi."*

Rat din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2019;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju 2019;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikoncerna incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Awwissu 2016 gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MEL-105 misjuqa minn Adrian Meli u assikurata minn Elmo Insurance Limited, u l-vettura misjuqa mill-konvenut Matthew Camilleri bin-numru ta' registrazzjoni DCD-401.

**PROVI**

**Mylene Meli** li kienet passiggiera fil-vettura MEL-105 xehdet[1] illi hija rat il-vettura DCD-401 gejja mid-direzzjoni opposta u ratha hekk kif daret il-liwja li kien hemm iktar 'il quddiem. Qalet ukoll li filwaqt li zewgha Adrian Meli kien qed isuq bil-mod hafna, hija rat lis-sewwieq tal-vettura l-ohra jhares 'l isfel u ma kienx qed ihares lejn it-triq, u qalet lil zewgha li dan ix-xufier kien ser jibqa' diehel fihom. L-impatt bejn iz-zewg vetturi kien wiehed b'sahhtu tant li nfethu l-airbags u skont din ix-xhud, zewgha kien diga` waqaf meta sehh l-impatt. Tghid ukoll li hija tkellmet mas-

[1] Affidavit Dok. MM a fol 40 u 41 u kontro-ezami 14 ta' Novembru 2018.

sewwieq tal-vettura l-ohra u hu ammetta li dak il-hin kien aljenat ghaliex kien qed imiss ir-radio tal-vettura tieghu.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet ukoll li meta rat il-vettura l-ohra, din kienet gejja "*sparat*" u billi rat li x-xufier kien wiccu 'l isfel meta gie iktar vicin, hi stennietu jibqa' diehel fil-vettura ta' zewgha. Ikkonfermat illi zewgha kif ra l-vettura waqaf sobbtu.

**<u>Adrian Meli</u>**, li kien qed isuq il-vettura MEL-105 xehed[2] illi huwa kien qed isuq bl-mod hafna u meta ra l-vettura DCD-401 din kienet gejja b'velocita` li huwa ddeskriva bhala "*pjuttost eccessiva partikolarment ghal dik it-triq u l-konfigurazzjoni taghha*". Qal ukoll li huwa ra l-vettura l-ohra meta din kienet ghadha 'l boghod minnu distanza ta' bejn hames sa seba' vetturi tul u huwa waqaf biex jistenna lis-sewwieq l-iehor jitfa' mal-genb fl-ispazju li kien hemm mal-bankina fuq in-naha l-ohra tat-triq halli huwa jkun jista' jghaddi. Izda innota li x-xufier tal-vettura l-ohra kien qed ihares lejn ix-xellug tieghu u baqa' ma tefghax mal-genb. Ix-xhud kompla jispjega illi meta mbaghad ix-xufier l-iehor gholla rasu u ntebah bil-presenza tieghu, ghafas il-brake izda ma rnexxilux jieqaf u baqa' gej dritt ghal fuqu.

In kontro-ezami, ix-xhud fisser illi huwa waqaf meta ra l-karozza l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta, ghaliex hemmhekk ma jghaddux zewg karozzi magenb xulxin u fuq in-naha tal-lemin tieghu kien hemm spazju fejn il-vettura l-ohra setghet tidhol fiha biex it-tnejn setghu jghaddu. Dan l-ispazju kien madwar tlieta jew erba' karozzi iktar 'il quddiem minnu u x-xhud ikkonferma illi huwa ma baqax miexi biex jigi biswit dan l-ispazju izda waqaf sopptu. Dan anke ghaliex huwa ra l-vettura l-ohra gejja b'daqsxejn qawwa u mhux bil-mod. Qal ukoll illi peress li x-xufier ma kienx qed ihares 'il quddiem, hu haseb li ma kienx induna bih. Ix-xhud insista illi ma kienx hemm wisa' fejn seta' jigbed lejn in-naha tieghu tat-triq ghaliex hemm il-hajt u ma kienx hemm spazju bizzejjed u f'kull kaz, billi kien hemm vettura pparkeggjata mal-bankina fuq in-naha l-ohra, iz-zewg vetturi ma setghux jghaddu flimkien.

[2] Affidavit Dok. AM a fol. 25 *et seq*. u kontro-ezami tal-15 ta' Mejju 2018.

**Il-konvenut Matthew Camilleri** fl-affidavit tieghu[3], qal illi kien qed isuq il-vettura DCD-401 sejjer fid-direzzjoni ta' Wembley Petrol Station. Jghid li kien ghaddej b'velocita` ta' bejn 35 u 40 kilometru fis-siegha, u meta kien qed jimmanuvra l-liwja li hemm fi Triq l-Gharbiel hu mar jibdel il-volum tar-radio u hekk kif hareg mil-liwja, lemah il-vettura MEL-105 gejja mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut fisser illi huwa ghafas il-brakes hekk kif lemah il-vettura l-ohra, u dan meta kienet madwar 25 metri 'l boghod minnu, u pprova jigbed ukoll kemm seta' fuq ix-xellug tieghu, izda l-vettura l-ohra baqghet gejja ghal fuqu. Jistqarr illi l-liwja hija *a blind corner* u huwa ra l-vettura l-ohra malli dar il-liwja ghaliex kien qed ihares 'il quddiem f'kull hin. Jichad li kien qed ihares 'l isfel kif qal is-sewwieq l-iehor. Il-konvenut fisser ukoll illi huwa ma kellux fejn jigbed iktar fuq in-naha tax-xellug tieghu ghaliex ma kellux hin bizzejjed biex idur ghal fuq ir-rampa tal-bankina.

Il-konvenut qal ukoll li s-sewwieq tal-vettura MEL-105 messu ha azzjoni evaziva biex jevita l-incident, u dan billi jigbed lejn il-hajt peress li fuq in-naha tax-xellug tal-vettura l-ohra kien hemm cirka metru minn mal-hajt u billi fuq dik in-naha ma jipparkjawx vetturi, kien ikun hemm wisa' bizzejjed biex iz-zewg vetturi jibqghu ghaddejjin. Izda jghid illi minflok ha azzjoni evaziva, ix-xufier l-iehor baqa' fin-nofs tat-triq u baqa' diehel dritt fil-vettura tieghu. Jichad ukoll li l-vettura MEL-105 kienet wieqfa fil-mument tal-impatt.

In kontro-ezami[4], il-konvenut stqarr illi huwa seta' kien iktar attent u seta' saq b'inqas velocita` meta gie biex jimmanuvra l-liwja. Qal illi l-liwja in kwistjoni hija *blind corner* u li bil-karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu ma tista' tara xejn. Zied jghid li l-vann li kien hemm ipparkjat fil-liwja kien kbir u bih ma setax jara daqskemm seta' jara kieku kienet karozza normali pparkjata. Il-konvenut stqarr ukoll illi kif skorra l-vann, hareg mill-*blind corner* u ra l-vettura l-ohra, kellu madwar ghoxrin metru fejn seta' jieqaf. Qal illi kif ra l-vettura l-ohra, huwa ghafas il-brakes. Il-konvenut jaqbel

[3] Affidavit Dok. MC a fol. 82 u 83.
[4] 22 ta' Mejju 2019.

illi ghalkemm kien hemm hafna karozzi pparkjati bejn l-imsemmi vann u fejn saret il-habta, kien hemm ukoll spazju fejn ma kienx hemm vetturi pparkjati f'dawk l-imsemmija 20 metru u kien proprju ghalhekk li pprova jigbed daqsxejn iktar fuq in-naha tieghu tat-triq, cioe` lejn ix-xellug. Jghid izda, li ma setax jitla' fuq il-bankina ghaliex hija gholja hafna. **Stqarr ukoll illi kien hemm mument meta huwa biddel il-volum tar-radio u ghal ftit sekondi ma kienx qed ihares lejn it-triq. Skont il-konvenut, meta ghamel hekk, huwa ma kienx ghadu ra l-vettura l-ohra, u meta rega' hares lejn it-triq "*prattikament saret il-habta*"**. B'referenza ghall-parti fl-Affidavit tieghu fejn qal li l-vettura l-ohra "*baqghet gejja fuqi*", il-konvenut in kontro-ezami stqarr illi fir-realta` huwa ried ifisser hekk:

| | |
|---|---|
| "Matthew Camilleri: | *... bazikament he* [MEL-105] *was crawling kien qisu qed ifittex il-parking ... mill-memorja tieghi ... fuq in-naha tieghi ovvjament. He was crawling really u x'hin rani ghafas il-brakes ukoll. ... ovvjament baqa', baqa' fuq in-naha tieghi at a complete stop.* |
| Dr. Alessia Zammit McKeon: | *So, he was at a complete stop meta* |
| Matthew Camilleri: | *Ma giex fuqi le…* |
| Magistrat: | *Hu kien wieqaf?* |
| Matthew Camilleri: | *e kwazi.* |
| … | |
| Dr. Alessia Zammit McKeon: | *Pero` meta sehh, meta sehh l-impatt jekk qed nifhem tajjeb il-vettura tieghu kienet wieqfa?* |
| Matthew Camilleri: | *Ezatt. Hekk hu."*[5] |

Il-konvenut enfasizza wkoll illi l-iskizz redatt mill-Gwardjan Eric Sciberras m'huwiex korrett kwantu illi l-vettura tieghu kellha tkun ippuntata iktar lejn in-naha tax-xellug, izda jaqbel illi l-vettura tieghu spiccat fil-pozizzjoni murija fir-ritratt a fol. 35 cioe` milwija lejn il-lemin. Eventwalment infatti, waqt l-istess kontro-ezami, il-konvenut ammetta li jaqbel wara kollox mal-imsemmi sketch kif gie redatt.

[5] Xhieda 22 ta' Mejju 2019.

**Il-konvenut stqarr ukoll illi waqt li kien qed jipprova jwaqqaf il-vettura tieghu, ma kellux kontroll shih taghha u ghalkemm ipprova jikser daqsxejn fuq ix-xellug, ma rnexxilux jaghmel dan b'mod effettiv.** Qal ukoll illi s-sewwieq tal-vettura l-ohra wkoll seta' jaghmel iktar biex jevita l-habta inkluz li baqa' gej u gibed lejn in-naha l-ohra tat-triq izda ammetta illi billi kien hemm spazju vojt fuq ix-xellug tieghu, huwa kellu jikser fuq ix-xellug, jieqaf, ihalli l-vettura l-ohra tghaddi u mbaghad ikompli ghaddej, izda dan huwa ma ghamlux.

Il-Qorti hadet qies ukoll tax-xhieda tas-surveyor **Charles Cauchi**[6] u tal-**Gwardjan 273 Eric Sciberras**[7] kif ukoll tad-dokumenti minnhom esebiti.

Ikkunsidrat;

Wara li fliet l-atti u x-xhieda, il-Qorti sejra taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet:

Il-kollizzjoni mertu ta' din il-kawza sehhet gewwa triq pjuttost dejqa, li hija effettivament *service road* li tigi biswit it-triq principali St. Andrew's Road, fejn oltre li t-traffiku, fiz-zmien meta sehh l-incident, kien jghaddi fiz-zewg direzzjonijiet[8], il-vetturi jipparkjaw fuq naha wahda tat-triq ossia n-naha tal-bankina quddiem ir-residenzi gewwa l-istess triq. Il-vettura misjuqa minn Adrian Meli kienet gejja mid-direzzjoni ta' St. Andrew's lejn id-direzzjoni generali ta' Paceville, filwaqt illi l-vettura DCD-401 misjuqa mill-konvenut kienet gejja mid-direzzjoni opposta sejra fid-direzzjoni ta' St. Andrew's u kienet ghalhekk qed tinstaq fuq in-naha tat-triq fejn hemm il-bankina u l-vetturi pparkeggjati.

M'huwiex kontestat illi bil-vetturi pparkeggjati mal-bankina li hemm fit-triq, u kif xehed l-ufficjal li investiga l-incident,[9] zewg vetturi gejjin kontra xulxin ma jghaddux,

[6] 28 ta' Marzu 2019.
[7] 24 ta' Jannar 2018 u 28 ta' Marzu 2019.
[8] Ara xhieda ta' GO273 Eric Sciberras tal-24 ta' Jannar 2018.
[9] Xhieda tal-24 ta' Jannar 2018.

u dan ifisser li xi hadd mix-xufiera jkun irid icedi lill-iehor. Dan huwa wkoll evidenti mill-iskizz akkurat li rrediga l-istess ufficjal (Dok. ES1) abbazi tal-kejl li huwa kien ha dak il-hin meta mar fuq il-post tal-incident.

Minn dan l-iskizz, il-Qorti kkostatat illi l-wisa' tat-triq hija ta' 6 metri. Ghalkemm jidher ukoll illi l-wisa' tal-vettura DCD-401 hija biss ta' 1.559m, dik tal-vettura MEL-105 li kienet 1.3m 'il boghod mill-hajt, hija ta' 2.117m[10]. Maghdud dan il-fatt li l-vetturi pparkeggjati mal-bankina jokkupaw wisa' ta' kwazi 2 metri, ma hemmx dubju illi **b'vettura pparkjata mal-bankina, l-ebda zewg vetturi ma jistghu joqoghdu jew jghaddu flimkien kontra xulxin fit-triq in kwistjoni**.

Ghalkemm il-habta sehhet fil-parti dritta tat-triq, m'huwiex kontestat lanqas illi iktar 'il quddiem mill-vettura MEL-105 u mid-direzzjoni li kienet gejja l-vettura DCD-401, hemm liwja li kien ghadha kif immanuvrat l-imsemmija vettura DCD-401. Hemm qbil ukoll illi ebda wahda miz-zewg vetturi involuti fil-habta ma ccaqalqu wara l-impatt, qabel waslu l-ufficjali fuq il-post tal-incident.

**Il-Qorti tqis illi huwa ferm iktar sinfjikanti dak li xehed il-konvenut in kontro-ezami u billi setghet tapprezza l-genwinita` u l-kredibbilita` tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda fejn spjega fi kliemu stess dak li verament sehh u d-dinamika tal-incident, il-Qorti sejra tiskarta l-kontenut tal-Affidavit tal-konvenut u tistrieh unikament fuq din it-testimonjnza *viva voce* ghaliex evidentement, dak li ried ifisser il-konvenut ma giex riprodott korrettement fl-imsemmi Affidavit.**

Hemm qbil ukoll illi ghalkemm kien hemm xi karozzi pparkjati fit-triq mal-bankina, kien hemm ukoll spazju bejn il-vetturi pparkeggjati fejn il-konvenut seta' jidhol fuq ix-xellug tieghu biex il-vetturi setghu jghaddu biswit xulxin.

Ikkunsidrat;

[10] Inkluzi l-mirja tal-vettura, il-wisa' tal-Volvo hija ta' 2.120m skont kif jirrizulta mill-blueprint Dok. JG1 a fol. 95, esebit mill-konvenut.

Minn dan kollu l-Qorti hija konvinta illi x-xufier tal-vettura MEL-105 kien qed isuq b'velocita` minima, kien jinsab fil-kontroll shih tal-vettura tieghu, u hekk kif ra l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta, irnexxielu jwaqqaf il-vettura tieghu fil-hin. Madanakollu, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tax-xufier tal-vettura DCD-401. Mid-depozizzjoni tal-konvenut innifsu, jirrizulta illi ghal sekonda jew ftit iktar waqt li kien qed jimmanuvra l-*blind corner,* huwa ma kienx qed ihares lejn it-triq, u meta rega' hares lejn it-triq "*prattikament saret il-habta*". Ghall-Qorti dan ifisser illi l-konvenut mhux talli ma kienx qed izomm *a proper lookout* huwa u jimmanuvra *blind corner* meta hares 'l isfel biex jibdel il-volum tar-radio, talli kien qed jimmanuvra din il-liwja b'velocita` li anke kif stqarr huwa stess, kienet wahda skonsiljata.

Inevitabbilment, f'dawn ic-cirkostanzi, il-konvenut pogga ruhu f'pozizzjoni fejn, kif hareg mil-liwja u lemah il-vettura l-ohra gejja minn faccata, ma setax jiehu azzjoni evaziva utili u jieqaf tempestivament, ghad li kellu wisa' bizzejjed fuq ix-xellug tieghu li seta' facilment juzaha biex jidhol fiha, u ghad ukoll li skont hu, il-vettura l-ohra kienet madwar ghoxrin metru 'l boghod meta lemahha ghall-ewwel darba u meta saret il-habta din il-vettura l-ohra kienet diga` wieqfa. Izda l-konvenut minflok waqaf, baqa' diehel fil-vettura wieqfa ta' Adrian Meli.

Il-Qorti hija konvinta, anke ghaliex dan huwa diga` evidenti mid-depozizzjoni tal-konvenut innifsu, illi din il-habta sehhet proprju u unikament minhabba nuqqas ta' *a careful and proper lookout* da parti tal-konvenut, liema nuqqas kien ukoll l-unika kawza prossima tas-sinistru.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis ukoll illi peress li l-konvenut qal illi huwa ra l-vettura MEL-105 kif appena hareg mil-liwja meta kien ghad hemm tul ta' cirka ghoxrin metru jew iktar bejn iz-zewg vetturi, messu rnexxielu jwaqqaf il-vettura, kif wara kollox rnexxielu

jaghmel tempestivament Adrian Meli f'distanza ekwivalenti[11]. Il-fatt illi madanakollu, il-konvenut baqa' diehel fil-vettura wieqfa ta' Adrian Meli jista' jfisser biss illi l-konvenut ma kienx, wara kollox, lemah il-vettura l-ohra minnufih kif hareg mill-*blind corner* izda ferm wara[12], jew inkella, li naqas milli jaggusta l-velocita` li kien ghaddej biha[13] ghal wahda xierqa ghax-xorta u l-kundizzjoniijiet tat-triq, tant li kien impossibbli ghalih jiehu l-azzjoni evaziva mehtiega, tempestivament. Dan huwa evidenti mill-fatt illi minflok ma waqaf fil-wisa' li kien hemm fuq ix-xellug tieghu, il-konvenut baqa' sejjer u habat mal-vettura ta' Adrian Meli ghalkemm din kienet wieqfa ftit iktar lura mill-ispazju vojt in kwistjoni[14].

Izda, fi kwalsiasi minn dawn l-ipotesi, il-Qorti ma tistax hlief tirravviza nuqqasijiet palezi da parti tal-konvenut fis-sewqan tieghu, konsistenti f'nuqqas mid-dmir tieghu li jzomm *a careful and proper lookout* f'kull hin ghal dak li qed jigri fit-triq, *multo magis* meta kien qed jimmanuvra u hiereg minn *a blind corner*, kif ukoll u f'kull kaz, id-dmir tieghu illi jiehu l-prekawzjonijiet u jsuq b'mod prudenti skont kif mehtieg mic-cirkostanzi tat-triq li kien ghaddej minnha. Huwa ovvju li l-konvenut kien ghaddej b'velocita` li, ghalkemm probabbilment kienet entro l-limiti permessi mill-ligi, ma kienetx prudenti bizzejjed biex tippermettilu jagixxi u wisq inqas jirreagixxi tempestivament ghal dak li kien qed jigri fit-triq quddiemu.

Hawnhekk il-Qorti tqis li huwa pertinenti wkoll li taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Highway Code in materja, fejn ir-regolament numru 220 jistipola illi bhala regola generali, is-sewqan ghandu jigi addatat tax-xorta u kundizzjoni tat-triq, u b'mod partikolari:

- *take the road and traffic conditions into account. Be prepared for unexpected or difficult situations, for example the road being blocked beyond a blind bend. Be prepared to adjust your speed as a precaution.*

---

11 Ara xhieda ta' Adrian Meli in kontro-ezami – 15 ta' Mejju 2018.
12 Wara kollox l-istess konvenut stqarr illi hekk kif rega' hares lejn it-triq, prattikament saret il-habta.
13 Adrian Meli u Mylene Meli entrambi ddeskrivew il-velocita` tal-vettura DCD-401 bhala wahda elevata.
14 Ara ritratt a fol. 7.

…

- *when two vehicles going in opposite directions meet in a narrow stretch of road, unless signs indicate otherwise, the one nearest to the wider part of the road MUST reverse to let the other vehicle pass.*

Applikati dawn ir-regoli ghall-fatti tal-kaz odjern, huwa manifest illi l-konvenut mhux talli naqas manifestament milli jsuq prudentement, **talli kien fid-dmir li jcedi lill-vettura MEL-105 galadarba l-parti wiesa' tat-triq kienet tinsab fuq in-naha tieghu u kwindi kien iktar vicin taghha**. Izda minflok ghamel dan u minflok ma zamm lejn in-naha tax-xellug fil-fetha li tidher fir-ritratti a fol. 6 u 7 tal-atti, il-konvenut, ghal xi raguni, kiser lejn il-lemin ossia lejn ic-centru tat-triq fejn kien hemm il-vettura MEL-105.

Ikkunsidrat;

Fit-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-konvenut sottomettiet illi x-xufier tal-vettura MEL-105 ghandu jitqies bhala ugwalment responsabbli ghall-incident ghaliex il-vettura tieghu kienet qed tokkupa l-parti karreggjabbli kollha tat-triq, tant illi huwa kien qed isuq 1.2 metri minn mal-hajt fuq in-naha tieghu tat-triq u l-vettura kienet effettivament fin-nofs tat-triq.

Izda ghall-Qorti dan l-argument huwa bla siwi. Kif gia` stabbilit, u kif inhuwa evidenti mill-isketch imhejji mill-Gwardjan Eric Sciberras, il-wisa' tat-triq fil-parti fejn jinsabu pparkjeggjati l-vetturi mal-bankina ma tippermettix li zewg vetturi ohrajn jghaddu biswit xulxin, *multo magis* meta wiehed jiehu qies tal-wisa' tal-vetturi inkluz bil-mirja, liema wisa', wara kollox, jirrizulta mill-*blueprints* esebiti mill-konvenut innifsu.

Gie sottomess ukoll illi galadarba Adrian Meli stqarr li ra l-vettura tal-konvenut minn madwar seba' tulijiet ta' karozza 'l boghod, kellu bizzejjed opportunita` li jiehu azzjoni evaziva billi jibqa' miexi 'l quddiem u jigbed iktar lejn ix-xellug tieghu biex

iz-zewg vetturi jistghu jiltaqghu u jghaddu biswit xulxin fil-parti l-wiesa' tat-triq fejn kien hemm bizzejjed wisa' biex jigi evitat l-impatt.

Izda l-Qorti, filwaqt li m'hijiex konvinta illi gie ppruvat li Adrian Meli naqas b'xi mod fl-obbligi tieghu ta' sewqan prudenti fic-cirkostanzi, u filwaqt illi ma ssib ebda logika fis-sottomissjoni tal-konvenut illi x-xufier tal-vettura MEL-105 meta ra l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta faccata messu baqa' ghaddej minflok waqaf minnufih, tqis illi l-azzjoni evaziva li ha dan ix-xufier, meta waqqaf il-vettura tieghu sopptu u tempestivament, kienet bizzejjed biex jigi evitat is-sinistru kieku l-konvenut **ukoll** kien fil-kontroll shih tal-vettura tieghu u kien qed izomm *a proper lookout*.

Il-Qorti tqis illi l-kawza prossima tal-incident tinsab biss u unikament fis-sewqan negligenti tal-konvenut u certament mhux fil-fatt li l-vettura MEL-105 kienet qed tinstaq fil-pozizzjoni li fiha tidher fir-ritratt a fol. 6. Huwa assurd li wiehed jistenna li vettura ghandha tinstaq iktar vicin tal-hajt jew iktar vicin tal-vetturi pparkeggjati mal-bankina meta kif stabbilit, zewg vetturi ma jistghux jghaddu biswit xulxin fil-parti tat-triq fejn kienet ghaddejja l-vettura MEL-105.

**<u>Danni</u>**

Is-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas danni in linea ta' indennizz a favur l-assikurat taghha Adrian Meli, fis-somma ta' €14,446.94.

L-istess Adrian Meli xehed[15] illi l-vettura MEL-105 tappartjeni lill-kumpannija tieghu Meli & Vella Limited u kienet assikurata permezz ta' polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta` attrici li, abbazi tal-istess polza, kienet hallset l-ispejjez kollha inkorsi ghat-tiswijiet fil-vettura MEL-105 wara li sar *survey* in konnessjoni mal-hsarat subiti f'din il-vettura.

[15] Dok. AM.

Il-konvenut tramite d-difensur tieghu iddikjara, permezz ta' verbal registrat waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar 2018 illi minghajr pregudizzju ghar-responsabbilita` ghall-incident *de quo*, m'huwiex jikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiz mis-socjeta` attrici fl-imsemmija somma ta' €14,446.94.

Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser illi ghalkemm jidher li hemm diskrepanza ta' €787.01 bejn l-ammont awtorizzat mis-survey report[16] in linea ta' tiswijiet fosthom spejjez ta' xiri ta' *parts, mano d'opera* u telf ta' uzu tal-vettura, u l-ammont effettivament imhallas fir-rigward u mitlub f'din il-kawza, il-konvenut ma jikkontestax illi l-ammont mitlub ta' €14,446.94 huwa korrettement komputat.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti, wara li stabbiliet illi ghall-incident mertu tal-kawza u kwindi ghad-danni kollha konsegwenzjali, huwa unikament responsabbli l-konvenut, sejra tqis it-talba tas-socjeta` attrici ghall-hlas tad-danni kwantifikati fis-somma ta' €14,446.94 bhala sodisfacjentement ippruvata anke ghaliex il-Qorti kkostatat illi l-*parts* mixtrija skont kif elenkati fl-invoices Dok. AZM2 sa AZM6 jinsabu kollha awtorizzati mis-survey report Dok. AZM1. Fil-verita`, il-konvenut mhux talli ma kkontestax f'hiex tikkonsisti d-differenza fl-ammont bejn dak indikat fis-survey u dak effettivament imhallas mis-socjeta` attrici, talli ddikjara li mhux qed jikkontesta l-*quantum* mitlub.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-imghax, il-Qorti tqis illi ghalkemm is-socjeta` attrici esebiet biss kopja fotostatika informali tal-ittra ufficjali li giet ipprezentata fl-20 ta' April 2017 (Dok. AZM7) fejn interpellat lill-konvenut ihallas is-somma likwidata ta' €14.446.94, billi l-konvenut baqa' ma qajjem l-ebda kontestazzjoni dwar it-talba ghall-hlas tad-danni b'effett mid-data ta' din l-interpellazzjoni ghall-istess somma likwidata, il-kopja fl-atti

[16] Fol. 44 - €13,659.93. Il-Qorti tosserva wkoll illi s-survey report Dok. AZM1 kwantu ghat-tieni pagna tieghu a fol. 44 tal-atti, huwa differenti minn dak esebit mis-surveyor innifsu Charles Cauchi bhala Dok. CC1

ghandha titqies bhala sufficjenti ghall-finijiet ta' prova dwar id-data tal-ewwel sejha gudizzjarja ghall-ammont pretiz minn u effettivament aggudikat a favur is-socjeta` attrici. Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva sabiex tqis illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri fuq is-somma kwantifikata, sa mill-20 ta' April 2017 cioe` mid-data tal-imsemmija interpellazzjoni gudizzjarja.

Madanakollu, ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti dwar l-ittra ufficjali imsemmija fir-Rikors promotur li giet ipprezentata kontestwalment mal-istess rikors, u ghaldaqstant il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha taggudika spejjez ta' att gudizzjarju li dwaru ma ngab ebda prova li effettivament gie pprezentat.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u tiddikjara li l-konvenut Matthew Camilleri huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Awwissu 2016 gewwa Triq is-Swieqi, Swieqi bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MEL-105 u l-vettura minnu misjuqa bin-numru ta' registrazzjoni DCD-401, u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax-il elf, erba' mija u sitta u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€14,446.94) rapprezentanti spejjez sborsati mis-socjeta` attrici in linea ta' indennizz ghad-danni kkagunati bhala konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku, bl-imghax mid-data tal-ewwel sejha gudizzjarja cioe` mill-20 ta' April 2017, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' April 2017 kontra l-istess konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**